QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 31/01 DM

GasanMamo Insurance Agency Limited bhala agent u mandatarja tas-socjeta estera CGU Insurance plc u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Joseph Psaila skond il-ligi u skond l-polza ta' assigurazzjoni
(Claim N 801699)

Vs

Spiro sive Dione Bartolo u Tanya Bartolo

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' Lm505.75 rappresentanti l-valur ta' danni sofferti mill-assigurat tal-attur f'incident li gara f'Novembru 1999 meta dahal kwantita ta' ilma fil-proprjeta tal-assigurat tal-attur Flat 2, Comfior, Block C, Marfa Road, Ghadira, liema hsarat graw unikament bu thija u responsabilita taghhom billi nqasu milli jzommu l-proprjeta taghhom fi stat tajjeb ta' riparazzjoni.

Bl-ispejjes kontra l- konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Spiro sive Dione Bartolo u Tanya Bartolo fejn eccepew illi:

1 It-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta u dana peress li l-konvenuti ma jaghtu xejn ghall-hsara allegat.

2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-10 t'Ottubru 2001 fejn id-difensur tal-konvenuti iddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabblita.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenuti tirrigwarda esklussivament il-kwistjoni tar-responsabbilta o meno taghhom ghal hsarat riskontrati fil-flat 2, Blokk C, Comfior Flats, Marfa Road, Ghadira, proprjeta ta' Joseph Psaila assigurat mal-kumpanija attrici. Dwar dan l-atturi pproducew bhala xhud lill-istess Joseph Psaila u lil Michael Holt illi kien ghamel survey wara li saret il-claim mill-assigurat Joseph Psaila.

Dawn iz-zewg xhiedha issostnu illi l-hsara fil-flat tal-assigurat tal-atturi kienet dovuta ghal perkolazzjoni ta' ilma mill-proprjeta adjacenti li kienet qieghdha tinbena mill-konvenuti u l-istess Michael Holt lesta survey report akkumpanjat mir-ritratti u dokumenti illi jippruvaw b'mod ezawrijenti dak li kien allega wkoll Joseph Psaila illi l-flat tal-assikurat kien gie danneggjat minn perkolazzjoni ta' ilma

provenjenti mill-fond li  qed jinbena tal-konvenuti u minhabba nuqqas ta' ilqugh u nuqqas ta' protezzjoni fil-proprjeta taghhom.

Min-naha taghhom il-konvenuti ma gabu ebda prova in kontestazzjoni ta dak li ssostnu l-atturi.  Ghaldaqstant it-talba attrici  ghal dak li jirrigwarda r-responsabilita' tal-konvenuti hija gustifikata u timmerita konferma u billi ma saritx kontestazzjoni dwar il-quantum tad-danni li effettivament sofrew l-atturi, l-Qorti

qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundannah lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' Lm505.75 (hames mija u hames liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-15 ta' Jannar tas-sena 2001;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

..................................................

Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep /  Reg
Civil 44